




# Torrijiet minn San Tumas saż-Żejtun

*- Il-Perit Ruben Abela, President ta' Wirt iż-Żejtun*

Il-kosta tax-Xlokk ta' Malta kienet waħda esposta sew u spiss intużat mill-furbani u l-qawwa Torka biex jinżlu fuq artna. Dokumentazzjoni storika turi li fl-Assedju l-Kbir tal-1565, it-Torok imbarkaw mill-bajjiet ta' dawn l-inħawi u l-ewwel ġlieda li seħħet bejn it-Torok u l-Kavallieri saret f'Ħal Ġwann. Iżda dan il-periklu għar-residenti tal-Cappella Sancta Caterina kien imur għal żmien ferm qabel l-Assedju l-Kbir.

Il-Cappella Sancta Caterina, sa qabel l-1615 kienet tinkludi ix-xaqliba kollha tax-Xlokk ta' Malta, jiġifieri mis-swar tal-Kottonera, għax-Xgħajra, Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun, Ħal Għaxaq, Marsaxlokk u Delimara sal-Bajja ta' San Ġorġ. Nafu li fl-1436, il-Knisja l-Qadima ta' Santa Katarina, kienet diġa' parroċċa ta' dawn l-inħawi, u din kienet mibnija preċiżament fl-ogħla parti tax-Xlokk ta' Malta. Fil-perjodu medjovali, qabel il-miġja tal-Ordni ta' San Ġwann, il-ħarsien tal-kosta kien fdat f'idejn id-Dejma li kienet magħmula mir-residenti rġiel ta' kull raħal. Kull riġment kien responsabbli fil-ħarsien ta' parti speċifika tal-kosta, hekk per eżempju ż-Żwieten minn Ħal Biżbut, Ħal Ġwann u Bisqallin kienu responsabbli fil-ħarsien tal-kosta mill-Bajja ta' San Tumas sal-Bajja ta' Marsaxlokk, barra l-obligu wkoll li jħarsu l-Forti Sant' Anġlu. Ta' min isemmi informazzjoni misjuba mill-Professur Stanley Fiorini fl-Arkivju tal-Vatikan[1] fejn sab referenza għal bini ta' torri qrib il-knisja parrokkjali sa mill-1464. Mhux magħruf eżatt fejn seta' kien dan it-torri, iżda jingħad li wara li tkabbret il-knisja bejn l-1590 u l-1610, din bdiet tintuża fil-ħarsien u d-difiża tal-kosta tax-Xlokk. Jingħad li minn fuq il-bejt tal-knisja kienu jitwasslu sinjali permezz ta' ħġejjeġ biex jagħrfu lill-Imdina li kien se jsir xi żbark jew attakk fix-xaqliba tax-Xlokk ta' Malta. Hekk ġara fl-1614, erba' snin biss wara li tlesta x-xogħol fuq il-bini tal-kappellun fuq in-naħa tax-Xlokk tal-knisja. Kien kmieni filgħodu, f'jum il-Ħadd tas-6 ta' Lulju li ntlemħet il-flotta Torka riesqa lejn Malta. Dawn l-ewwel ippruvaw jidħlu fil-Bajja ta' Marsaxlokk, iżda minn hemm ġew sparati l-kanuni minn fuq it-Torri ta' San Luċjan li kien għadu kemm inbena. Wara dawru r-rotta u żbarkaw fil-Bajja ta' San Tumas, fejn sa dak iż-żmien ma kien hemm ebda torri jew fortifikazzjonijiet oħra biex iħarsu l-art.

Kien wara dan il-ħbit li l-Gran Mastru Aloff de Wignacourt, li kien diġa' bena t-Torri San Luċjan, beda jibni t-Torri ta' San Tumas, preċiżament ftit metri 'l bogħod minn fejn

***ikompli f'paġna 20***

sar l-inżul tat-Torok f'dik is-sena stess. Ir-raba' li kien hemm bejn ix-xatt fil-Bajja ta' San Tumas u ż-żoni abitati ta' Bisqallin u Ħal Biżbut kien jinħadem mir-raħħala u l-bdiewa Żwieten. Minkejja l-bini tat-Torri ta' San Tumas, dan ir-raba' kien baqa' espost għas-serq u tkissir li kien isir minn furbani u ħallelin tal-baħar, li meta kien ifettlilhom, kienu jinżlu l-art biex jisirqu u jaħarqu dak li jsibu. Huwa għalhekk li f'dawn l-inħawi insibu akbar konċentrazzjoni ta' torrijiet privati f'Malta.

Jekk nibdew minn Wied il-Għajn, fil-wied li jwassal għall-Magħluq, insibu t-Torri tal-Buttar. Dan għad għandu t-taraġ fuq barra quddiemu, li jwassal għad-daħla tat-torri li tinsab fil-għoli u li oriġinarjament kont taqsam għalih minn fuq pond. Dan it-torri kien għand il-familja ta' Barbetta li għandhom ir-raba' madwaru. Ftit 'il fuq minnu, man-naħa l-oħra tat-triq, moħbi wara blokka appartamenti, insibu t-Torri ta' Ġomu tal-Gardiel.

Jekk naqbdu t-triq lejn iż-Żejtun, l-ewwel ma niltaqgħu huwa mat-Torri Mamo, torri uniku fl-għamla tiegħu. Dan għaliex huwa mfassal fuq salib ta' Sant' Andrija. Minn ġewwa dan it-torri għandu arkitettura mill-isbaħ. Kien inbena mill-familja Mamo fl-1657 li wkoll bniet il-knisja ta' San Gejtanu li tinsab ftit 'il fuq minnu. Illum dan it-torri tiegħu ħsiebu Din l-Art Ħelwa u jifetaħ biex ikun jista' jżuru l-pubbliku.



*Torri Mamo*



*Torri Mamo minn ġewwa*

Hekk kif naqbżu l-Knisja ta' San Gejtanu, naslu f'kisra fit-triq. Jekk flok inkomplu fi triqitna lejn iż-Żejtun, niksru fuq ix-xellug u ninżlu n-niżla, faċċata tagħna, wara xi rziezet, nilmħu torri ieħor. It-Torri tal-Mozz, kif inhu magħruf, huwa wieħed dejjaq u għoli u fih gallerija b'saljaturi goffi li fuq il-blata tal-bieb li jagħti għaliha għadna nistgħu naraw imnaqqxa l-kliem "Die 22 Mensis Octobris 1628". B'hekk jidher li dan it-torri nbena fl-1628.




*Torri tal-Mozz - Kitba fuq il-bieb*



*Torri tal-Mozz*



*Torri tal-Mozz minn taħtu*

Jekk inkomplu fi triqitna 'l fuq lejn iż-Żejtun, u naqbżu l-Knisja ta' Santa Marija ta' Ħal Tmin, wara l-irziezet, b'aċċess minn sqaq li jinsab fi Triq Strejnu, insibu torri ieħor li aktarx ukoll imur lura għall-ewwel nofs tas-Seklu 17. Dan huwa magħruf bħala t-Torri tal-Kwies. Jidher li qrib ħafna ta' dan it-torri kien hemm torri ieħor li kien inbena minn Klement Tabone fl-1603. Dan it-torri kien twaqqa' maż-żmien, iżda ġo kamra f'għalqa jidhru xi ġebel li aktarx kienu jiffurmaw parti minn dan it-torri. Fil-fatt għad hemm ġebla li fuqha jidher l-annu '1603' minqux, kif ukoll ġebla oħra bl-arma tal-kunjom Tabone fuqha.



*Torri tal-Kwies*

Fejn il-Knisja ta' Sant' Antnin, li hemm ftit 'il bogħod mit-triq tar-Ramla u li tidher mill-impjant ta' Sant' Antnin, kien hemm torri ieħor li kellu l-ħarriġġiet għall-misħun. Dan sfortunatament iġġarraf u matul dawn l-aħħar snin tneħħew kull traċċi tiegħu. Jidher ukoll li f'Ħal Biżbut kien hemm żewġ torrijiet oħra li kienu jidhru fuq mappa tal-1551, iżda li llum intilfu[2].

'Il ġewwa fil-qalba tal-bini u qrib iċ-ċentru taż-Żejtun għadna nsibu żewġ binjiet li jingħad li kienu jservu bħala torrijiet ukoll. Wieħed minnhom huwa t-Torri Vendome li nsibu fi Triq San Pawl u li nbena mill-Inġinier Militari Philippe de Vendome li kien il-Prijur ta' Franza. Dan

***ikompli f'paġna 22***




*Annu minn torri ta' Klement Tabone li twaqqa*



*Arma tal-Familja Tabone*

imur lura għall-bidu tas-Seklu 17. Il-bini l-ieħor insibuh fi Triq San Girgor, faċċata tad-Domus, u li llum iservi bħala Ċentru tal-Arti u Artiġġjanat. Fuq din il-binja hemm is-salib bi tmien ponot.

Hawn tintemm id-dawra tagħna u ż-żjara ħafifa li għamilna lil dawn il-binjiet li kienu jħarsu, jindokraw u jipproteġu liż-Żwieten li għexu fi żminijiet ta' biża' kontinwu barra l-faqar u x-xogħol iebes li kellhom. Huma telqu u wħud mill-binijet li tellgħu erba' sekli ilu għadhom hemm, iżda bi ftit jew xejn apprezzament min-naħa tagħna.

***Referenzi***

[1] FIORINI, S. (2014), The South East of Malta and its defence up to 1614, f'*The Turkish Raid of 1614.* Wirt iż-Żejtun. p.p. 82 – 93.

[2] VELLA, E.B. (1927), *L-Istorja taż-Żejtun u Marsaxlokk.* p. 60.

Jamon Cycles
IMPORTERS AND WHOLESALERS – TRADING
Jesmond Seguna
20 Triq il-Qadi, Zejtun
7972 9069 / 2766 2535 / 2701 9960
WWW.JAMONCYCLES.COM - jamoncycles@europe.com